**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 380/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**David BONNICI**

**Illum, 23 ta' Ottubru 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar it-23 ta' Ottubru 2023 fil-konfront ta' **David BONNICI** ta' 45 sena, iben Walter u Theresa nee` De Giorgio, imwieled San Ġiljan nhar l-4 ta' Jannar 1977, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 83777(M), li ġie mixli talli:

   Nhar il-31 ta' Mejju 2022 ġewwa l-Bini tal-Qorti, il-Belt Valletta:

   1. Inġurja jew hedded lill-Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D. waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien għamel id-dmirijiet

tiegħu, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, inġurja, hedded u/jew għamel offiża fuq il-persuna tal-Ispettur Sherona Buhagiar, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet qed tagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħha jew li jinfluwixxi fuqha, kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, sar reċediv a terminu tal-Artikoli 49, 50, u 289 *et sequitur* tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċediva taħt l-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 93(1), 95 u 338(dd) tal-istess Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat David BONNICI (illum l-appellant) ħati tal-imputazzjonijiet kollha, kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kkundannatu erbatax-il (14) xahar priġunerija effettiva u multa ta' elf ewro (€1,000).

Il-Qorti ordnat ukoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin biex jingħata trattament psikoloġiku biex jindirizza l-

problema ta' nuqqas ta' kontroll ta' rabja u reżistenza għall-awtorita`, kif ukoll trattament biex jegħleb id-dipendenza fuq id-droga.

Il-Qorti ordnat ukoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta` tal-Maġistrat Leonard Caruana u l-Ispettur Sherona Buhagiar għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien tliet (3) snin, liema żmien għandu jibda jiddekorri mid-data li tiġi skontata l-piena ta' priġunerija.

Billi ma ġewx maħtura ebda esperti, astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni li saret għall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi David BONNICI appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*tilqa' dan l-appell billi tħassar u tannullaha, fil-parti fejn sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu, u għar-raġunijiet suesposti, tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew alternattivament tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tiġi mposta piena aktar ġusta u ekwa għall-każ odjern*".

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi permezz tar-risposta tagħha tat-13 ta' Marzu 2024, l-Avukat Ġenerali wieġbet illi din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-appellant u tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-intier tagħha, u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi l-partijiet trattaw dan l-appell quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-8 ta' April 2024.

## F. IL- KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar il-31 ta' Mejju 2022, għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (3:00 p.m.), l-appellant BONNICI ġie arrestat fuq rapport ta' vjolenza domestika li għamel missieru fil-konfront tiegħu, wara liema arrest, huwa ttieħed ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa stante illi kellu xi demm ma' idu. Sussegwentement, ittieħed ġewwa l-uffiċċju tal-Ispettur Sherona Buhagiar sabiex jiġi mitkellem minnha, iżda stante illi dan beda jġib ruħu b'mod aggressiv fil-konfront tagħha, il-konversazzjoni ma damitx u lanqas ma tteħditlu stqarrija. Għalhekk l-Ispettur Buhagiar infurmat b'dan lill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Leonard Caruana, u ġie miftiehem illi kellu jitressaq il-Qorti dak il-ħin. Hija ordnat illi Bonnici jiġi skortat il-Qorti għall-fini tal-preżentata. Jirriżulta wkoll illi waqt is-smigħ tal-kawża, li matulha l-appellant kien assistit mill-avukat tal-għajnuna legali, Dr. Martha Mifsud, l-appellant deher bħal imħeddel jew bin-ngħas, u għalhekk il-Maġistrat beda jkellmu biex jaċċerta ruħu li kien qed jifhem dak li kien għaddej. L-appellant qal lill-Maġistrat li kien qed jifhem kollox u wieġeb għad-domandi li sarulu waqt l-eżami. Madankollu, hekk kif il-Maġistrat ċaħad it-talba tal-appellant għall-ħelsien mill-arrest, u spjega lill-appellant dan kollu, l-istess appellant biddel l-atteġjament tiegħu, qam bilwieqfa, beda jgħajjat u skont l-Ispettur Sherona Buhagiar beda jgħid il-kliem "*Grazzi Sur Magistrat li tfajtni l-habs, ta, grazzi u anki lilek Spettur*" u żied jgħid lill-Maġistrat, "*M'intix ragel, xi darba tasal tieghek, x'tahseb li int? Jien David Bonnici u xi darba tkun taf min jien. Int ma tafx min jien. Grazzi talli tfajtni l-habs, tasal tieghek, issa tkun taf. Ghadek ma tafx min jien*". L-Ispettur Buhagiar iżżid tgħid illi mbagħad, waqt li kien qed iħares lejha, lejn l-avukat u lejn il-Maġistrat beda jgħid il-kliem "*nghollikom kollha, kollha nahraqkom*". Dan ġie wkoll ikkonfermat mill-Maġistrat Dr. Leonard Caruana, li jixhed hekk: "*... meta spjegajtlu li bail ma tajtux, hemmhekk s-sur Bonnici flippja. Flippja, qam bilwieqfa, beda jghajjat, qal kliem fis-sens ghax intom taghmlu l-arja ma min hu dghajjef u min hu b'sahhtu bhal Keith Schembri ma taghmlulu xejn. Imbaghad hares lejja, qalli inti ma tafx min jiena, jiena inpattihielek, nghollikom kollha kemm intom, nahraqkom.*" Sabiex tiġi kkalmata s-sitwazzjoni, l-appellant ġie maħruġ mill-awla minn PC 1527 u PC 1025, fejn baqa' jagħmel l-istorbju. L-għada, l-1 ta' Ġunju 2022, sar rapport dwar dan l-

inċident ġewwa l-Għassa tal-Belt mill-istess Spettur Sherona Buhagiar, liema rapport jinsab esebit fl-atti proċesswali a fol. 40 *et seq.*[1]

7. Nhar it-3 ta' Novembru 2022, l-appellant deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixli bl-imputazzjonijiet indikati iżjed 'il fuq u nhar it-23 ta' Ottubru 2023, kif ingħad, ġie misjub ħati tal-istess imputazzjonijiet (salv għall-addebitu tar-reċediva fit-termini tal-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali).

8. Illi fl-ewwel gravam li ġie sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, l-appellant jilmenta mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) billi jikkontendi illi l-ewwel Qorti ma setgħet qatt issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan stante illi mill-provi prodotti rriżulta illi huwa ma kienx mentalment stabbli, b'dan għalhekk illi l-element tal-*mens rea* kien nieqes. Skont l-appellant, jirriżulta ċar illi huwa ma kienx konsapevoli tad-diskors li huwa tenna waqt is-smigħ tal-kawża, u ma ġiex ippruvat fil-grad rikjest mil-liġi, illi huwa kellu l-intenzjoni li jwettaq dak li qal fid-diskors tiegħu, għaliex dak il-ħin, huwa ma kienx f'sikktu.

9. Illi din il-Qorti tibda billi tfakkar illi l-prinċipju regolatur imħaddan fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jibqa' dejjem dak illi din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi kif magħmul minn dik il-Qorti, kemm il-darba jirriżulta illi l-ewwel Qorti setgħet raġonevolement u legalment tasal għal dik il-konklużjoni li tkun waslet għaliha. F'dan il-kuntest, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit</u>** fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Sherona Buhagiar, a fol. 36 *et seq* tal-proċess, u x-xhieda tal-Maġistrat Dr. Leonard Caruana, a fol. 45 *et seq* tal-proċess.

istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[2]

10. Illi b'rabta ma' dan l-ewwel aggravju kif miġjub, din il-Qorti tqis illi mill-atti proċesswali ossia mix-xhieda ta' Dr. Franklin Abela, tabib ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, jirriżulta illi dakinhar illi huwa eżamina lill-appellant hekk kif huwa daħal fl-istess Aġenzija fil-31 ta' Mejju 2022, ossia wara l-preżentata li kienet għadha kif seħħet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), l-istess appellant kien *drowsy* u kellu sintomi li jindikaw li kien taħt l-effett tad-droga eroina, fi kliemu "*kien overdosed*", u għalhekk huwa bagħtu l-isptar. Jixhed ukoll illi kien diffiċli li jikkomunika miegħu u illi "*Il-GCS score igifieri l-iscore li jintuza biex tara persuna hux f'sensih jew le kien low tant li kellu jitnizzel l-ITU meta bgħattu l-isptar*". [3] Noel Mifsud ossia l-Uffiċjal tal-Aġenzija illi akkumpanja lill-appellant ġewwa l-Isptar Mater Dei ukoll jixhed illi l-appellant ma kienx jaf x'kien qed jiġri madwaru, għalkemm ma kienx kompletament mitluf minn sensih, u illi lanqas beda jagħrfu għalkemm kien jafu. Fi kliemu, "*kien fi stat mhux ta' bniedem normali ghalija*".[4]

11. Madankollu, kemm mix-xhieda tal-Maġistrat Dr. Leonard Caruana, kif ukoll tal-Ispettur Sherona Buhagiar, jirriżulta b'mod ċar illi minkejja illi l-appellant deher letarġiku fil-mori tas-seduta in kwistjoni, u "*daqxejn unresponsive*"[5] fi kliem l-istess Maġistrat, l-istess Maġistrat aċċerta ruħu illi l-appellant kien qed jifhem kull stadju tal-proċediment:

---

[2] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

[3] A fol. 110A tal-proċess. Ara din ix-xhieda a fol. 110A u 110B tal-proċess.

[4] A fol. 105 tal-proċess. Din ix-xhieda tinsab a fol. 104 *et seq* tal-proċess.

[5] A fol. 45 tal-proċess.

*Pero ovvjament bdejt nara li ridt inkun cert b'dak li qed jigri, saqsejtu jekk kienx konxju tal-gurnata, kienx konxju tal-hin, kienx konxju ta' fejn qieghed u kollox kien qed jirrispondi tajjeb. He was very well aware ta dak li qed jigri. Spjegajtlu c-charges fuq xix qed jigi akkuzat, sarlu l-ezami u fl-ezami qal li mhux hati u li mhux vera, innega ... u ahna nizzilna li mhux hati. Komplejna bil-kawza imbaghad hu kien assistit mil-legal aid, jidhirli Dr Martha Mifsud u ghamlet it-talba ghal-bail. Jiena ovjament peress li kien qieghed mhux 100% imqajjem kif inhu llum, ovjament bdejt naccerta ruhi li ma kull pass, qed nispjegalu u qed insaqsih jekk hux qed jifhem x'qed jigri u ma kull pass kien qed jifhem x'qed jigri u anki bdejt insaqsih domandi allura x'ghidtlek per ezempju u beda taf kif, jitkellem. Tant kemm hu hekk li at a point niftakar li meta sarlu l-ezami kien qal li kellu hajja passata, jekk mhux sejjer zbaljat, kellu xi problemi fil-hajja passata tieghu pero he has overcome them. Qalli li he is a new born again christian jekk mhux sejjer zbaljat. Qalli li huwa gradwat in political science. Qalli li he has changed his ways u bhal speci irid jaqbad it-triq it-tajba. Dan kien kollu f'komunikazzjoni fil-hin tal-ezami.*[6]

12. Bl-istess mod, l-Ispettur Sherona Buhagiar tixhed illi l-appellant qal li kien għajjien ħafna, iżda l-Maġistrat beda jkellmu, bl-appellant jgħidlu li kien qed jifhem dak li kien qed jingħad lilu, u wieġeb ukoll għad-domandi li sarulu, inkluż billi wieġeb għad-domandi kollha li sarulu waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi.

13. Iżjed minn hekk din il-Qorti tqis illi tant l-appellant kien qed jifhem dak li kien qed iseħħ madwaru u l-istadji diversi tal-proċediment li kien għaddej, illi huwa rritalja kontra l-Maġistrat u dawk preżenti u qajjem kommozzjoni fl-awla tal-Qorti, fil-mument illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet it-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest. Dan huwa ferm indikattiv illi l-appellant kien qed jifhem ben tajjeb dak li kien għadu kemm seħħ u illi bid-deċiżjoni tal-Qorti, huwa kien se jintbagħat ġewwa

[6] A fol. 46 tal-atti.

l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi. Fi kliem il-Maġistrat Dr. Leonard Caruana:

> *Meta spjegajtlu l-process u meta spjegajtlu li bail ma tajtux, hemmhekk is-Sur Bonnici flippja. Flippja, qam bilwieqfa, beda jghajjat, qal kliem fis-sens ghax intom taghmlu l-arja ma min hu dghajjef u min hu b'sahhtu bhal Keith Schembri ma taghmlulu xejn. Imbaghad hares lejja, qalli inti ma tafx min jiena, jiena inpattihielek, nghollikom kollha kemm intom, nahraqkom. And he was literally out of it.*[7]

14. Minn dan din il-Qorti tislet illi l-appellant ma kien konfuż xejn f'dan il-mument, għaliex kliemu intqal proprju fil-kuntest adattat, u dan bl-istess mod illi ftit tal-ħin qabel, waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, wera kjarezza fil-ħsibijiet tiegħu meta pprova jikkonvinċi lill-Qorti illi huwa kien qiegħed jagħmel impenn sabiex jirrijabilita ruħu u jaqbad it-triq it-tajba, kif ukoll illi issa kien bniedem differenti jew riformat. Verament illi l-appellant kien jidher mitluq u bin-ngħas, stante illi kien taħt l-effett tad-droga eroina, iżda kien qed jagħmel sens fi kliemu, daqskemm kien qed jifhem eżattament dak li kien qed jiġri, b'dan għalhekk illi din il-Qorti tqis illi dan l-inċident skatta bir-riżultat tar-rabja li nibtet fih meta ġie spjegat lilu illi kien sejjer il-ħabs, wara li l-Qorti ċaħdet it-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest. Fid-dawl tal-provi proċesswali għalhekk ma jistax jingħad illi l-effett tad-droga eroina fuq l-appellant, f'dak il-waqt, xejjen l-element formali rikjest mil-liġi fl-istess appellant, jew il-kapaċita` tiegħu *di intendere e di volere*. Jidher illi mal-ħin l-istat tal-appellant baqa' sejjer għall-agħar, iżda sakemm kien għadu quddiem il-Qorti, ma jirriżultax illi huwa ma kienx jaf jew ma kienx qed jifhem dak li kien għaddej, jew illi l-azzjonijiet tiegħu jew kliemu ma kinux volontarji.

15. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi mill-provi akkwiżiti, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għall-imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati, b'dan għalhekk illi dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

---

[7] Ara a fol. 46 tal-proċess.

16. Ili fit-tieni gravam sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, l-appellant jilmenta mill-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u jitlob lil din il-Qorti sabiex timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-fattispeċi tal-każ. Skont l-istess appellant, illum huwa persuna riformata, filwaqt illi fid-data tal-każ odjern, huwa kien għaddej minn żmien diffiċli f'ħajtu.

17. Huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita` li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva.

18. Dwar dan, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005, fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004,* filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede Superjuri, kif ukoll f'dik Inferjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '*...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle*." Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that**

**the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**[8]

19. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analiżi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[9]

20. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi l-piena ta' erbatax-il (14) xahar priġunerija, flimkien ma' multa ta' elf ewro (€1,000), hija waħda li mhux biss taqa' fil-parametri li tipprefiġġi l-liġi, iżda hija wkoll waħda li tirrifletti n-natura u l-gravita` tar-reati li tagħhom l-appellant instab ħati f'dawn il-proċeduri. Din il-Qorti rat kif l-ewwel Qorti kienet tassew dettaljata fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena u ma ħalliet barra l-ebda ċirkostanza li kellha jew li setgħet tqis sabiex tasal għall-piena erogata. B'mod partikolari, qieset il-fatt illi mill-fedina penali tal-appellant jirriżulta illi huwa nstab ħati u ġie kkundannat għar-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali "***xejn inqas minn tmien darbiet***", u illi għalhekk jidher illi l-imputat "*għandu problema kbira ta' insubordinazzjoni kontra l-awtorita` pubblika*", bl-ewwel Qorti tikkunsidra illi "*Din il-problema kompliet tiġi manifestata, u b'mod ferm gravi, bl-akkużi fil-proċeduri odjerni fejn l-imputat kompla juri li ma għandu ebda rispett kwalsiasi lanqas għall-awtorita` ġudizzjarja u ma jaħsibhiex darbtejn jhedded lill-membri tal-ġudikatura u uffiċjali*

[8] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għall-paġna 165, para. D23.45
[9] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

*pubbliċi*". L-ewwel Qorti qieset ukoll kif l-appellant reġa' adotta l-istess atteġġjament fis-seduta miżmuma quddiemha nhar l-1 ta' Diċembru 2022, fejn "*huwa reġa' ġab ruħu b'aggressjoni u rabja billi beda jgħajjat u jipponta subajgħ lejn il-prosekutur u wara li ġie mwiddeb mill-Qorti, baqa' jlissen l-oġġezzjonijiet tiegħu bi kliem dispreġġjattiv indirizzat lejha u lejn l-uffiċjali l-oħra kollha tal-Qorti u tal-Pulizija preżenti fl-awla*", tant illi ġie kkundannat xahar detenzjoni, filwaqt illi baqa' ma skużax ruħu għal dan l-aġir. Qieset ukoll l-Ewwel Qorti kif bil-vizzju tiegħu tad-droga, magħdud dan l-aġir aggressiv, inkontrollabbli u insubordinat da parti tiegħu, l-appellant jippreżenta minaċċja għas-soċjeta` u ma jistax jiġi fdat fil-komunita` sakemm ma jibdiex jirreġistra progress effettiv b'għajnuna professjonali u strutturata. Ikkunsidrat in oltre x-xhieda ta' Noel Mifsud, uffiċjal ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, li xehed b'mod pożittiv fil-konfront tal-appellant, in kwantu ddeskriva l-imġieba tal-appellant ġewwa l-ħabs bħala waħda eżemplari. Fir-rigward u korrettement, madankollu, l-ewwel Qorti qieset illi dan ma kienx suffiċjenti sabiex jikkonvinċiha illi l-appellant irrijabilita ruħu u illi m'hijiex meħtieġa sanzjoni korrettiva u punittiva għall-aġir aggressiv u insubordinat tiegħu, aġir repetut, u dan għall-protezzjoni tas-soċjeta`. F'dan il-kuntest din il-Qorti qed tqis ukoll illi kuntrarjament għal dak li sostna l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, ossia illi llum huwa bniedem riformat, mir-rapport ta' andament tal-Uffiċjal tal-*Probation* Mary Anne Zammit tat-23 ta' Novembru 2023, jirriżulta illi l-appellant baqa' fil-vizzju tad-droga, reġa' kien vjolenti u aggressiv fil-konfront ta' missieru, bir-riżultat illi l-ġenituri tiegħu reġgħu talbu l-għajnuna tal-Pulizija u sar rapport, u nhar is-17 ta' Novembru 2023, huwa reġa' tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u baqa' jinżamm arrestat ġewwa l-*Forensic Unit*, Attard. Jirriżulta wkoll illi qabel dakinhar, minkejja illi l-Uffiċjal tal-*Probation* irreferietu għas-servizzi psikoloġiċi offruti mid-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole*, u minkejja wkoll illi ngħata appuntament sabiex jiffirma r-*referral form*, huwa baqa' ma attendiex.[10]

21. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti ma tqisx li għandha tiddisturba l-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'dan għalhekk illi qegħda tiċħad ukoll it-tieni aggravju tal-appellant.

---

[10] Ara a fol. 141 *et seq* tal-proċess.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant **David BONNICI** u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi l-perjodu operattiv tal-Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-appellant għandu jibda jgħaddi mil-lum.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**